MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1698/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Abdel Hamid Khalid Mohsen**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm146.62c (mija u sitta w erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku bin-numru 459022 (akkont 10079120) liema servizz gie nstallat fil-fond bl-isem St. Michael, 4, Triq San Mikiel, Rabat (Malta) skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tas-sena elfejn, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------